MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 485/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Doris Cerne**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm367.14c (tlett mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbatax-il centezmu) rappresentanti servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie ppresentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm367.14c (tlett mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbatax-il centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------